**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Dicembru, 2019**

**Talba Nru: 279/2019 PM1**

**Dirk Scerri (KI Nru. 210187(M))**

**Vs**

**Hermann Karl Borg Xuereb (KI Nru. 144065(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 t'Ottubru, 2019 illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' erbat elef tmien mija u hamsin euro (€4850) rapprezentanti danni ghal telf ta' qliegh ikkawzat mill-konvenut lill-attur kif dettaljat fl-avviz tat-talba, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1085/2018 kontra l-istess konvenut.

Ra d-dokumenti annessi mat-talba senjatament ritratti li juru d-dhul ta' drenagg fl-appartament tal-attur (Dok. 'A' a fol. 4-7 tal-process), korrispondenza b'email (Dok. 'B'

a fol. 8-13 tal-process) u kuntratt ta’ kera relattiv ghall-proprjeta` tal-istess attur (Dok. ‘C’ a fol. 14-17 tal-process).

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher hadd ghalih ghas-seduti tat-18 ta’ Novembru, 2019, tat-3 ta’ Dicembru, 2019 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-3 ta’ Dicembru, 2019 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Perdipiu` t-talba odjerna tirrizulta wkoll gustifikata tramite d-dokumentazzjoni ezebita mal-avviz li tinkludi wkoll ritratti tal-hsara sofferta mill-attur fil-proprjeta` tieghu liema hsara irrendiet tali proprjeta` mhux aktar abitabbli, korrispondenza bejn l-attur u l-Environmental Health Officer rigwardanti x-xogholijiet riparatorji li kellhom isiru mill-konvenut u kuntratt ta’ kera ai fini ta’ kwantifikazzjoni tad-dannu subit mill-istess attur.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex thallas lill-istess attur s-somma mitluba ta’ erbat elef, tmin mija u hamsin euro (€4850) rapprezentanti danni ikkawzati mill-konvenut lill-attur kif dettaljat fl-avviz tat-talba, bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 1085/2018 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**